KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 45Ad hoc_06-05-09 V

# MINUTI TAL-ĦAMSA U ERBGĦIN AD_HOC SEDUTA

Il-ħames u erbgħin seduta tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju, 2009 fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Marina Arrigo |
| Viċi Sindku : | Albert Bonello Dupuis |
| Kunsilliera: | Marianne Aquilina<br>Margaret Ann Azzopardi<br>Michael Briguglio<br>Nikki Dimech<br>Julian Galea<br>Luke Vella |
| Skużati: | Martin Debono |
| Segretarju Eżekuttiv: | Josef Grech<br>Stefania Friggieri |

Is-seduta bdiet fl-16:10 b'din l-agenda:

1. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
2. Approvazzjoni tar-rapport annwali finanzjarju (April 2008 sa Marzu 2009)
3. Analiżi u aġġudikazzjoni tat-*tender* - servizz ta' l-*accounts*
4. Affarijiet oħra

*Is-sindku talbet li nibdew bl-approvazzjoni tar-rapport annwali finanzjarju (item 2 ta' l-agenda) li din il-laqgħa saret apposta biex inkunu nistgħu nippeżentaw ir-rapport lin-National Audit Office fiż-żmien stipulat. Kien hemm qbil dwar dan mil-kunsilliera preżenti.*

**2. Approvazzjoni tar-rapport annwali finanzjarju (April 2008 sa Marzu 2009).**

Preżenti kien hemm l-*accountant* tal-kunsill is-sur C. Vella fejn spjega li s-sitwazzjoni finanzjarja baqgħet waħda soda.

*Daħal L. Vella fis-seduta fl-4.14pm*

Is-sur Vella qal li din is-sena għalaqna b'sittin fil-mija mentri s-sena l-oħra għalaqna bi tletin fil-mija, minkejja x-xogħol li sar matul is-sena. Is-sur Vella irrefera għall-avviż legali 129/2009 rigward li l-kunsill ma jistax jiġbor ħlas għall-*iscaffolding, hoarding* eċċ, allura d-dħul se jonqos fis-snin li ġejjin.

Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea fakkar li fl-aħħar seduta (44_22/04/09) il-kunsill qabel li nistaqqsu lill-Onorevoli C. Said min se jkun responsabbli għal min jarma l-*iscaffolding, hoarding* eċċ. Is-segretarju eżekuttiv qal li min-naħa tiegħu d-*draft* ta' l-ittra lestija u trid tiġi approvata mill-avukat tal-kunsill.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-seduta fl-4.20pm*

L-*accountant* tal-kunsill spjega wkoll li d-dħul mil-kumitat konġunt miċ-ċitazzjonijiet kien wieħed tajjeb.

*Daħlet il-kunsilliera M. A. Azzopardi fis-seduta fl-4.35pm*

Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis ippropona għall-approvazzjoni ta' l-*accounts*, il-kunsillier M. Briguglio issekondah. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. A. Azzopardi, N. Dimech, J. Galea u L. Vella.

**3. Analiżi u aġġudikazzjoni tat-tender – servizz ta' l-*accounts***

Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-kumpanija *3A Accountants*, kienet l-unika applikazzjoni għal din it-*tender*. Il-kunsilliera preżenti qablu li dejjem ħadmu tajjeb ma' din il-kumpanija. Is-Sindku M. Arrigo pproponiet li t-*tender* tingħata lil *3A Accountants*. Il-kunsillier L. Vella ssekonda. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. A. Azzopardi, M. Briguglio, N. Dimech u J. Galea.

**1. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

1.1 Is-segretarju eżekuttiv ressaq korrispondenza mill-*Malta Maritime Authority* fejn talbu l-kummenti tal-kunsill dwar l-iżvilupp ta' *yacht marina* f'Tas-Sliema. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu li l-iżviluppatur irid jagħmel *Environmental Impact Assessment* ħalli l-kunsill jkun jista jara s-sitwazzjoni b'mod holistiku. Is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. A. Azzopardi, M. Briguglio, N. Dimech, J. Galea u L. Vella qablu wkoll li l-kunsill għandu jibgħat dawn il-kummenti:

1. Se jsir mil-parkeġġ li hemm jekk isir il-*yacht marina* għaliex f'Tas-Sliema ma naffordjawx li jonqos l-ispazju għall-parkeġġ.
2. Il-ħsejjes li jista jkun hemm tas-*sailing boats*
3. Il-fatt li se jiġi invadat l-ispazju minn fuq il-kosta għall-għawm

1.2 Is-segretarju eżekuttiv reġa ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill il-korrispondenza u l-pjanti

kollha tal-proġett ta' l-Exiles. Is-segretarju eżekuttiv informa li hu kien bagħat il-kummenti tal-kunsill ta' l-aħħar seduta għalkemm il-MEPA infurmaw li l-kunsill mhux qiegħed reġistrat bħala *objector* u l-kunsill ma jkunx jista jappella, madankollu l-MEPA qalu li xorta se jieħdu inkonsiderazzjoni l-kummenti tal-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv żied jgħid li l-MEPA talbet lill-kunsill għall-kummenti jumejn wara li għalaq iż-żmien għall-oġġezzjonijiet.

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret fil-11 ta' Ġunju 2008 ma' r-rappreżentanti ta' l-*Exiles Waterpolo Club* kif ukoll għall-minuti tas-seduti 32_7/05/08 u 33_18/06/08 kif ukoll għad-deċiżjoni ta' l-aħħar seduta 44_22/04/09. Is-segretarju eżekuttiv spjega li wara l-laqgħa li kienet saret ma' l-Exiles, fis-seduta tal-kunsill (33) li seħħet wara din il-laqgħa, il-kunsill ma kienx sab oġġezzjoni għal *Outline Development Permit.* Fis-seduta 44 il-kunsill iżda kien oġġezzjona għal *Full Development Permit.* Il-kunsilliera preżenti qalu li jekk hu l-każ, il-kunsill xorta għandu dritt ibiddel deċiżjoni wara sitt xhur.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fil-5pm*

*Il-kunsilliera M. Aquilina u N. Dimech ħarġu mis-seduta fil-5pm.*

*Il-kunsilliera M. Aquilina daħlet lura għas-seduta fil-5.05pm*

Il-kunsillier M. Briguglio reġa fakkar x'intqal fl-aħħar seduta (44_22/04/09) li l-pjanti qegħdin juru biċ-ċar li l-bini se jogħla u se jirdoppja.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal lura għas-seduta fil-5.15pm*

*Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fil-5.20pm*

Il-kunsillier L. Vella irrefera wkoll għad-deċiżjoni li l-kunsill kien ħa fl-aħħar seduta 44 minħabba li fil-pjanta jidher li l-proġett ġej iżjed għoli milli kif kien jidher qabel. Is-segretarju eżekuttiv qara l-ittra datata 24 ta' April, 2009 li kien bagħat lil MEPA rigward din l-istess oġġezzjoni għal PA 06241/08, skond l-aħħar deċiżjoni tas-seduta 44 fejn tgħid li r-raġuni għal din l-oġġezzjoni hija bbażata għal fatt li l-għoli tal-bini u l-*area* meħuda minn l-art ġew miżjuda minn dak li kien hemm oriġinarjament mill-pjanti li ġew issottometti fl-*Outline Development Permit.*

Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, N. Dimech, J. Galea u L. Vella qablu li jżommu ma' l-aħħar deċiżjoni tas-seduta 44 u ma jintbagħat xejn iżjed lil MEPA.

**7. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fil-5.25pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju, 2009 fil-5.30pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**